

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/749**tal-24 ta' Frar 2017****li jemenda r-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija tal-Każakistan mil-lista ta' pajjiżi fl-Anness I tagħha**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

- (1) Waqt li titqies l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet li l-Każakistan jitneħħa mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/755.
- (2) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755, jitħassar l-isem "il-Każakistan".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 123, 19.5.2015, p. 33.